

Brussell, 7 ta' Awwissu 2026
(OR. en)

12352/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0239 (NLE)

ECOFIN 1084
UEM 392
FIN 1149
ECB
EIB

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	7 ta' Awwissu 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 435 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Spanja

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 435 final.

Mehmuż: COM(2026) 435 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.8.2026
COM(2026) 435 final

2026/0239 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Spanja

{SWD(2026) 267 final}

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Spanja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikulari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRP", recovery and resilience plan) minn Spanja fit-3 ta' April 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Fit-13 ta' Lulju 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni² ("id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021"). Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 ġiet emendata bid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Ottubru 2023³, tal-14 ta' Mejju 2024⁴, tal-21 ta' Jannar 2025⁵, tat-13 ta' Mejju 2025⁶, tat-12 ta' Ġunju 2025⁷, tal-10 ta' Ottubru 2025⁸, tal-20 ta' Jannar 2026⁹, u tat-12 ta' Ġunju 2026¹⁰.
- (2) Fil-11 ta' Lulju 2026, Spanja għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex tiġi emendata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP ma għadux jista' jinkiseb għalkollox minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Fuq dik il-bażi, Spanja ppreżentat RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>.

² ST 10150/21 INIT; ST 10150/21 ADD 1 REV 2.

³ ST 13695/23 INIT; ST 13695/23 REV 1 (en); ST 13695/23 ADD 1 REV 1.

⁴ ST 9303/24 INIT; ST 9303/24 ADD 1.

⁵ ST 17099/24 INIT; ST 17099/24 ADD 1.

⁶ ST 8053/25 INIT; ST 8053/25 ADD 1.

⁷ ST 9583/25 INIT; ST 9583/25 ADD 1; ST 9583/25 ADD 1 COR 1; ST 10408/25.

⁸ ST 13075/25 INIT; ST 13075/25 ADD 1.

⁹ ST 17031/25 INIT; ST 17031/25 ADD1; ST 17031/25 ADD 1 COR1 (es).

¹⁰ ST 9518/26 INIT; ST 9518/26 ADD1.

- (3) L-emendi tal-RRP li ressqet Spanja minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 96 miżura.
- (4) Spanja spjegat li miżura waħda parzjalment ma tistax tinkiseb aktar, minħabba l-inflazzjoni għolja. Dan jikkonċerna l-miżura C2.I2 (Programm għall-appoġġ tal-konstruzzjoni ta' akkomodazzjoni soċjali għall-kiri f'bini effiċjenti fl-użu tal-enerġija). Abbażi ta' dan, Spanja talbet li din il-miżura tiġi emendata. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.
- (5) Spanja spjegat li 11-il miżura ġew emendati minħabba nuqqas ta' domanda. Dan jikkonċerna l-miżuri C2.I7 (Faċilità ta' Self tal-ICO għall-Promozzjoni tal-Akkomodazzjoni Soċjali), C12.I7 (Skema ta' appoġġ għal proġetti strateġiċi fil-katina tal-valur tal-karozzi elettriċi (self)), C13.I3 (Diġitalizzazzjoni u Innovazzjoni u skema ta' sussidju għad-diġitalizzazzjoni tal-kumpaniji), C13.I7 (Fond tat-Teknoloġija li Jmiss), C13.I13 (Fond Reġjonali għar-Reżiljenza (FRA)), C14.I4 (Azzjonijiet speċjali fil-qasam tal-kompetittività), C15.I9 (Faċilità ta' Finanzjament tas-CHIP), C16.R1 (Strateġija Nazzjonali għall-IA), C25.I3 (Fond taċ-Ċentru Awdjoviżiv), C31.I3 (Skema ta' sussidju biex tappoġġa d-dekarbonizzazzjoni tas-settur industrijali u l-katina tal-valur tas-sorsi u l-ħżin tal-enerġija rinnovabbli), u C32.I3 (Opportunitajiet ta' impjieġ għall-ħaddiema għar-rikostruzzjoni u r-rivitalizzazzjoni soċjoekonomika tat-territorji affettwati mid-DANA). Abbażi ta' dan, Spanja talbet li daww il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.
- (6) Spanja spjegat li ġew emendati 48 miżura biex jiġu implimentati alternattivi aħjar li jippermettu li jitnaqqas il-piż amministrattiv u tiġi ssimplifikata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021, filwaqt li xorta jintlaħqu l-oġġettivi ta' daww il-miżuri. Dan jikkonċerna l-miżuri C1.I1 (Żoni b'emissjonijiet baxxi u trasformazzjoni tat-trasport urban u metropolitan), C2.I1 (Programm ta' riabilitazzjoni għall-irkupru ekonomiku u soċjali f'ambjenti residenzjali), C2.I4 (Programm ta' riġenerazzjoni u sfida demografika), C3.I4 (Pjan biex tingħata spinta lis-sostenibbiltà u l-kompetittività tal-agrikoltura u t-trobbija tal-bhejjem (III): Investimenti fl-agrikoltura ta' preċiżjoni, l-effiċjenza enerġetika jew l-ekonomija ċirkolari fis-settur tal-agrikoltura u tal-bhejjem), C4.I1 (Diġitalizzazzjoni u Għarfien tal-wirt naturali), C4.I2 (Konservazzjoni tal-bijodiversità terrestri u tal-baħar), C4.I3 (Restawr tal-ekosistemi u tal-infrastruttura ekoloġika), C4.I4 (Ġestjoni sostenibbli tal-foresti), C5.I1 (Azzjonijiet ta' trattament, sanità, effiċjenza, iffrankar, użu mill-ġdid u sikurezza tal-infrastruttura (DSEAR)), C5.I2 (Restawr tal-ekosistemi tax-xmajjar, l-infrastruttura tal-ilma u l-mitigazzjoni tar-riskju ta' għargħar), C5.I3 (Tranżizzjoni diġitali fis-settur tal-ilma (Infurzar Ambjentali Diġitali) — Proġett strateġiku għall-irkupru ekonomiku u t-trasformazzjoni (PERTE) għad-diġitalizzazzjoni tal-użi tal-ilma), C5.I4 (Adattament tal-kosta għat-tibdil fil-klima), C6.I2 (Network Trans-Ewropew għall-Programm tat-Trasport, xogħlijiet oħra), C6.I3 (Intermodalità u loġistika), C6.I4 (Programm ta' appoġġ għal trasport sostenibbli u diġitali), C7.I1 (Żvilupp ta' enerġiji rinnovabbli u ħżin), C7.R3 (Żvilupp ta' komunitajiet tal-enerġija), C10.I1 (Investiment fi Tranżizzjoni Ġusta), C11.I3 (Trasformazzjoni diġitali u modernizzazzjoni tal-Ministeru għall-Politika Territorjali u l-Memorja Demokratika, il-Ministeru għat-Trasformazzjoni Diġitali u s-Servizz Pubbliku, u l-amministrazzjonijiet reġjonali u lokali, kif ukoll is-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa), C11.I4 (Pjan ta' tranżizzjoni tal-enerġija fl-Amministrazzjoni Ġenerali tal-Istat), C12.I2 (Programm biex tingħata spinta lill-kompetittività u s-sostenibbiltà industrijali), C12.I3 (Pjan biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-iskart u l-promozzjoni tal-

ekonomija ċirkolari), C13.I1 (Intraprenditorija), C14.I1 (Trasformazzjoni tal-mudell tat-turiżmu lejn is-sostenibbiltà), C15.I6 (5G Skjerar: networks, bidla teknoloġika u innovazzjoni), C17.I2 (Infrastruttura tar-riċerka), C17.I5 (Trasferiment tal-għarfien), C17.I6 (Saħħa), C17.I7 (Ambjent, Tibdil fil-klima u enerġija), C17.I11 (Kontribuzzjoni volontarja lill-ESA għall-FutureNav, il-Konnettività Sigura tal-UE u l-Programmi Ewropej ta' Sfida għat-Tnedija), C18.I2 (Kampanji u azzjonijiet tas-saħħa pubblika), C18.I3 (Żieda fil-kapaċitajiet ta' rispons għall-kriżijiet tas-saħħa), C18.I4 (Taħriġ tal-professjonisti tas-saħħa u titjib tat-trattament tal-pazienti b'mard rari), C18.I5 (Pjan għar-razzjonalizzazzjoni tal-konsum tal-farmaċewtiċi u l-promozzjoni tas-sostenibbiltà, u l-espansjoni tal-portafoll tas-servizzi ġenomiċi fis-Sistema Nazzjonali tas-Saħħa), C18.I6 (Spazju Nazzjonali tad-Data dwar is-Saħħa), C19.I2 (Trasformazzjoni diġitali tal-edukazzjoni), C19.I3 (Ħiliet diġitali għall-impjiegi), C20.I2 (Trasformazzjoni diġitali tat-taħriġ vokazzjonali), C21.I1 (Promozzjoni tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (ECEC)), C23.I1 (Impjieg taż-Żgħażaġħ), C23.I2 (Impjieg tan-nisa u integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri f'politiki attivi tas-suq tax-xogħol), C24.I1 (Tisħiħ tal-kompetittività tal-industriji kulturali), C24.I2 (Spinta lill-kultura fit-territorju kollu), C25.I1 (Programm għall-promozzjoni, il-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tas-settur awdjoviżiv), C26.I2 (Tranżizzjoni ekoloġika tal-faċilitajiet sportivi), C31.I1 (Investiment li jippromwovi l-awtokonsum (ibbażat fuq l-enerġija rinnovabbli u l-ħżin wara l-miter)), C32.I1 (Mobilità u infrastruttura ekoloġiċi u sostenibbli), u C32.I4 (Prevenzjoni u ġlieda kontra d-diżastri naturali: komponent Spanjol ġdid tal-kostellazzjoni Atlantika (ESCA+)). Abbażi ta' dan, Spanja talbet li dawk il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

- (7) Spanja spjegat li ġew emendati 30 miżura minħabba l-eżistenza ta' alternattivi aħjar għall-implimentazzjoni tal-miżuri. Dan jikkonċerna l-miżuri C3.I1 (Pjan biex jittejbu l-effiċjenza u s-sostenibbiltà fl-irrigazzjoni), C3.I12 (Pjan biex jittejbu l-effiċjenza u s-sostenibbiltà fl-irrigazzjoni), C7.I2 (Enerġija sostenibbli fil-gżejjer), C9.I1 (Skema ta' appoġġ għall-idroġenu rinnovabbli, proġett tal-pajjiż), C11.R1 (Riforma għall-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni), C12.I1 (Spazji tad-data settorjali għad-diġitalizzazzjoni tas-setturi u azzjonijiet tar-RuŻuI), C13.I14 (Injezzjoni ta' ekwità fl-ICO), C13.I15 (Injezzjoni ta' ekwità fl-ICO), C15.I1 (Estensjoni tal-broadband ultraveloċi), C15.I5 (Użu ta' infrastruttura diġitali transfruntiera), C15.I7 (Ċibersigurtà: It-tisħiħ tal-kapaċitajiet taċ-ċittadini, l-SMEs u l-professjonisti; it-titjib tal-ekosistema tas-settur), C15.I8 (PERTE Chip: It-tisħiħ tal-ekosistema xjentifika u teknoloġika. Żieda fil-kapaċitajiet tad-disinn), C19.I1 (Ħiliet diġitali trażversali), C20.I3 (Espansjoni tal-offerta u internazzjonalizzazzjoni tat-taħriġ vokazzjonali), C21.I3 (Appoġġ għal studenti vulnerabbli), C22.R2 (Modernizzazzjoni tas-servizzi soċjali pubbliċi u l-għoti ta' qafas regolatorju ġdid), C22.I1 (Pjan ta' kura u appoġġ fit-tul: id-deistituzzjonalizzazzjoni, it-tagħmir u t-teknoloġija), C22.I2 (Pjan għall-Modernizzazzjoni tas-Servizzi Soċjali — Trasformazzjoni teknoloġika, innovazzjoni, taħriġ u tisħiħ tal-indukrar tat-tfal), C22.I4 (Pjan Spanja jiproteġik mill-vjolenza kontra n-nisa), C22.I5 (Kostruzzjoni, akkwist, jew rinnovazzjoni ta' ċentri ta' akkoljenza għall-migranti u l-applikanti ta' protezzjoni internazzjonali), C23.I3 (Ħiliet ġodda għat-tranżizzjoni ekoloġika, diġitali u produttiva), C23.I4 (Proġetti għar-riekwilibriju u l-ekwità), C25.I2 (PERTE "Ekonomija Ġdida tal-Lingwa": Informazzjoni bl-Ispanjol u b'lingwi kouffiċjali oħra), C28.I1 (Tnaqqis tat-taxxa ddikjarat għax-xiri ta' vetturi elettriċi jew għall-installazzjoni ta' stazzjonijiet tal-iċċarġjar), C31.I2 (Skema biex tappoġġa l-produzzjoni u l-użu tal-idroġenu rinnovabbli), C31.I5 (Investiment biex jappoġġa d-dekarbonizzazzjoni industrijali

(għotjiet)), C31.I6 (Skema ta' sussidju għal proġetti ta' dekarbonizzazzjoni (għotjiet)), u C31.I9 (Skema biex tappoġġa t-Tranżizzjoni Ekoloġika). Barra minn hekk, Spanja identifikat alternattiva aħjar li twassal aktar biex jintlaħqu l-oġġettivi tar-Regolament RRF u l-kriterji ta' valutazzjoni tal-RRP. B'mod speċifiku, Spanja pproponiet li tissostitwixxi miżura waħda (C28.R2, Riforma tal-benefiċċji tat-taxxa) li indirizzat CSR b'miżura ġdida waħda (C8.R5, Dħul fis-seħħ ta' leġislazzjoni li tikkontribwixxi għat-tranżizzjoni ekoloġika) u stadju importanti ġdid wieħed (402a, Pubblikazzjoni ta' studji ta' rieżami tal-infiq taċ-ċiklu l-ġdid (2022–2026) fil-miżura C29.R1 (Rieżami tal-infiq pubbliku u proċess ta' evalwazzjoni) li jindirizzaw żewġ CSRs. Billi jressaq miżuri ta' sostituzzjoni li jindirizzaw għadd akbar ta' CSRs, l-RRP jiżgura kopertura akbar tal-isfidi identifikati fis-CSRs rilevanti. Barra minn hekk, is-sostituzzjoni ta' miżura waħda bi tnejn li jindirizzaw is-CSRs tikkontribwixxi għall-RRP li jirrappreżenta rispons aktar komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali tal-Istat Membru, filwaqt li tiżgura li jikkontribwixxi b'mod xieraq għall-pilastri kollha msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament RRF. Abbażi ta' dan, Spanja talbet li dawk il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

- (8) Spanja spjegat li ħames miżuri parzjalment ma għadhomx jistgħu jinkisbu minħabba restrizzjonijiet fil-katina tal-provvista u diffikultajiet tekniċi mhux mistennija. Dan jikkonċerna l-miżuri C13.I12 (il-Fond għall-Intraprenditorija u l-SMEs tal-ENISA), C15.I3 (Vawċers tal-konnettività għall-SMEs u l-individwi), C26.I1 (Id-diġitalizzazzjoni tas-settur tal-isport), C32.I2 (Ir-restawr tal-infrastruttura tal-ilma, ambjentali u agrikola), u C32.I6 (Skema ta' appoġġ tal-ICO għall-kumpaniji affettwati mill-bidla fl-ambjent tariffarju globali). Abbażi ta' dan, Spanja talbet li dawk il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.
- (9) Spanja spjegat li l-miżura C31.I4 (Investiment biex tiġi appoġġata l-infrastruttura tan-network tal-elettriku) ma għadhiex tista' tinkiseb fl-iskeda ta' żmien prevista minħabba l-ħtieġa li jiġu segwiti proċeduri ta' verifika li huma itwal milli kien ippjanat inizjalment. Abbażi ta' dan, Spanja talbet li din il-miżura tiġi emendata. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.
- (10) Wara t-tneħħija ta' miżura waħda u t-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni ta' 30 miżura f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, Spanja talbet li tuża r-riżorsi liberati mit-tnaqqis fil-livell tal-implimentazzjoni tagħhom biex iżżid il-livell ta' implimentazzjoni ta' 11-il miżura u biex iżżid miżura ġdida u stadju importanti ġdid. Dan jikkonċerna t-tneħħija tal-miżura C28.R2 u tnaqqis fil-miżuri C2.I2 (Programm li jappoġġa l-kostruzzjoni ta' akkomodazzjoni soċjali għall-kiri f'bini effiċjenti fl-użu tal-enerġija), C3.I12 (Pjan biex jittejjbu l-effiċjenza u s-sostenibbiltà fl-irrigazzjoni) C2.I7 (Faċilità ta' Self tal-ICO għall-Promozzjoni tal-Akkomodazzjoni Soċjali), C9.I1 (Skema li tappoġġa l-idroġenu rinnovabbli, proġett tal-pajjiż), C12.I7 (Skema ta' appoġġ għal proġetti strateġiċi fil-katina tal-valur tal-karozzi elettriċi (self)), C13.I3 (Diġitalizzazzjoni u Innovazzjoni u skema ta' sussidju għad-diġitalizzazzjoni tal-kumpaniji), C13.I7 (Fond tat-Teknoloġija li Jmiss), C13.I12 (Fond għall-Intraprenditorija u għall-SMEs tal-ENISA), C13.I13 (Fond għar-Reżiljenza Reġjonali (FRA)), C13.I15 (Injezzjoni ta' ekwità fl-ICO), C14.I4 (Azzjonijiet speċjali fil-qasam tal-kompettività), C15.I3 (Vawċers tal-konnettività għall-SMEs u l-individwi), C15.I7 (Ċibersigurtà: It-tisħiħ tal-kapaċitajiet taċ-ċittadini, l-SMEs u l-professjonisti; it-titjib tal-ekosistema tas-settur), C15.I8 (PERTE Chip: It-

tisħiħ tal-ekosistema xjentifika u teknoloġika. Żieda fil-kapaċitajiet tad-disinn), C15.I9 (Faċilità ta' Finanzjament tas-CHIP), C16.R1 (Strategġja Nazzjonali tal-IA), C19.I1 (Ħiliet diġitali trażversali), C20.I3 (Espansjoni tal-offerta u internazzjonalizzazzjoni tat-taħriġ vokazzjonali), C21.I3 (Appoġġ għal studenti vulnerabbli), C22.I2 (Pjan għall-Modernizzazzjoni tas-Servizzi Soċjali — Trasformazzjoni teknoloġika, innovazzjoni, taħriġ u tisħiħ tal-indukrar tat-tfal), C22.I5 (Kostruzzjoni, akkwizzizzjoni, jew rinnovazzjoni taċ-ċentri ta' akkoljenza għall-migranti u l-applikanti ta' protezzjoni internazzjonali), C23.I4 (Proġetti għall-ibbilanċjar mill-ġdid u l-ekwità), C25.I3 (Fond għaċ-Ċentru Awdjoviżiv), C26.I1 (Diġitalizzazzjoni tas-settur tal-isport), C31.I3 (Skema ta' sussidju biex tappoġġa d-dekarbonizzazzjoni tas-settur industrijali u l-katina tal-valur tas-sorsi u l-ħżin tal-enerġija rinnovabbli), C31.I4 (Investiment li jappoġġa l-infrastruttura tan-network tal-elettriku), C31.I5 (Investiment li jappoġġa d-dekarbonizzazzjoni industrijali (għotjiet)), C32.I2 (Restawr tal-infrastruttura tal-ilma, ambjentali u agrikola), C32.I3 (Opportunitajiet ta' impjieġ għall-ħaddiema għar-rikostruzzjoni u r-rivitalizzazzjoni soċjoekonomika tat-territorji affettwati mid-DANA), C32.I6 (Skema ta' appoġġ tal-ICO għall-kumpaniji affettwati mill-bidla fl-ambjent tariffarju globali), żieda fil-miżuri C2.I1 (Programm ta' riabilitazzjoni għall-irkupru ekonomiku u soċjali f'ambjenti residenzjali), C3.I1 (Pjan biex jittejbu l-effiċjenza u s-sostenibbiltà fl-irrigazzjoni), C12.I1 (Spazji tad-data settorjali għad-diġitalizzazzjoni tas-setturi u azzjonijiet tar-RuŻuI), C13.I14 (Injezzjoni ta' ekwità fl-ICO), C15.I1 (Estensjoni tal-broadband ultraveloċi), C22.I1 (Pjan ta' kura u appoġġ fit-tul: id-deistituzzjonalizzazzjoni, it-tagħmir u t-teknoloġija), C25.I2 (PERTE "Ekonomija Ġdida tal-Lingwa": Informazzjoni bl-Ispanjol u b'lingwi kouffċjali oħra), C28.I1 (Tnaqqis tat-taxxa ddikjarat għax-xiri ta' vetturi elettriċi jew għall-installazzjoni ta' stazzjonijiet tal-iċċarġjar), C31.I2 (Skema biex tappoġġa l-produzzjoni u l-użu tal-idroġenu rinnovabbli), C31.I6 (Skema ta' sussidju għall-proġetti ta' dekarbonizzazzjoni (għotjiet)), u C31.I9 (Skema biex tappoġġa t-Tranżizzjoni Ekoloġika), il-miżura l-ġdida C8.R5 (Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni li tikkontribwixxi għat-tranżizzjoni ekoloġika) u l-istadju importanti l-ġdid 402a (Pubblikazzjoni tal-istudji tar-rieżami tal-infiq taċ-ċiklu l-ġdid (2022–2026)). Abbażi ta' dan, Spanja talbet li [tiżdied miżura ġdida waħda, u stadju importanti ġdid wieħed u li jiżdied il-livell ta' implimentazzjoni ta' 11-il miżura. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

Distribuzzjoni tal-istadji importanti u tal-miri

- (11) Id-distribuzzjoni tal-oġġettivi intermedji u l-miri f'pagamenti parzjali jenħtieġ li tiġi emendata biex tqis l-emendi għall-RRP u l-iskeda ta' żmien indikattiva ppreżentata minn Spanja.

Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (12) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (13) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi mressqa minn Spanja ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241, il-punti (a), (b), (c), (d), (da), (db), (g), (j) u (k).

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità

- (14) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u l-kriterju 2.5 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 37,277 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat u 90,974 % tal-kostijiet stmati totali tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU kkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.
- (15) B'mod ġenerali, il-kontenut tal-ittaggjar klimatiku ta' xi miżuri ra l-livell ta' ambizzjoni u l-ispejjeż tagħhom jiżdiedu filwaqt li miżuri oħra raw il-livell ta' ambizzjoni tagħhom jonqos. B'kollox, l-emendi għall-RRP ta' Spanja jinvolve bilanċ nett fil-kontribuzzjoni ġenerali għall-mira klimatika tal-RRP li tibqa' stabbli għal 37,277 %. Il-miżuri tal-pjan għadhom mistennija jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u jiffaċilitaw l-użu tal-enerġija rinnovabbli u b'hekk jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-miri klimatiċi għall-2030 u l-oġettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni sal-2050.

Kontribut għat-tranżizzjoni diġitali

- (16) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u l-kriterju 2.6 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 22,578 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat ikkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament.
- (17) B'mod ġenerali, filwaqt li titqies iż-żieda fl-ispejjeż u l-ambizzjoni ta' xi miżuri b'ittaggjar diġitali u t-tnaqqis ta' miżuri simili oħra, l-emendi għall-RRP ta' Spanja jinvolve żieda netta fil-kontribuzzjoni ġenerali għall-mira diġitali tal-RRP ta' 1,061 punti perċentwali għal 22,578 % minn 21,517 %. L-RRP modifikat ikompli jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tranżizzjoni diġitali, inkluż billi jżid id-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika u tal-intrapriżi kif ukoll iżid l-għadd ta' servizzi diġitali għaċ-ċittadini u għan-negozji.

Monitoraġġ u implimentazzjoni

- (18) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (h), u l-kriterju 2.8 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP emendat huma adegwati (klassifikazzjoni A) biex jiżguraw monitoraġġ u implimentazzjoni effettivi tal-RRP, inklużi l-iskeda ta' żmien prevista, l-istadji importanti u l-miri, u l-indikaturi relatati.
- (19) Minbarra l-arranġamenti li qabel kienu meqjusa adegwati, Spanja adottat arranġamenti legali supplimentari biex tiżgura l-ġestjoni finanzjarja tajba u l-kosteffiċjenza tar-riżorsi riċevuti. B'mod partikolari, meta n-nefqa eliġibbli finali għal ċerti proġetti ffinanzjati min-nefqa fuq l-għotjiet fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali tkun aktar baxxa mill-ammont mogħti inizjalment, l-ammonti disponibbli li jirriżultaw għandhom jiġu riallokati fl-istess qasam ta' politika tal-komponent rilevanti, f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli tat-tikkettar.

Kalkolu tal-kostijiet

- (20) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u l-kriterju 2.9 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP emendat dwar l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP hija sa ċertu punt medju l-klassifikazzjoni B

raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

- (21) L-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa konformi man-natura u t-tip tar-riformi u l-investimenti previsti. B'riżultat ta' dan, l-istimi tal-kost għall-bieċa l-kbira tal-miżuri fl-RRP emendat huma meqjusa raġonevoli u plawżibbli. Spanja pprovdiet biżżejjed informazzjoni u evidenza li l-ammont tal-kost totali stmat mhuwiex kopert minn finanzjament tal-Unjoni eżistenti jew ippjanat. Fl-aħħar nett, il-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u huwa proporzjonat mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni. Għalhekk, il-klassifikazzjoni B hija ġġustifikata għall-RRP emendat.

Valutazzjoni pożittiva

- (22) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat, meta nstab li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont li għandu jkun disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (23) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat ta' Spanja huma ta' EUR 101 318 408 928. Peress li l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa oġġla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għal Spanja, il-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikoli 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹, u mal-Artikolu 20(4) u 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 li hija allokata għall-RRP emendat ta' Spanja jenħtieġ li tkun ugwali għal EUR 79 854 183 024. Għalhekk, il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għal Spanja tibqa' l-istess.

Għoti ta' self

- (24) Sabiex jiġu appoġġati riformi u investimenti addizzjonali, sar disponibbli għal Spanja appoġġ totali fil-forma ta' self ta' EUR 83 160 060 000 permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill fis-17 ta' Ottubru 2023. Wara t-tneħħija ta' C3.I12 (Pjan biex jissaħħu l-effiċjenza u s-sostenibbiltà fl-irrigazzjoni) u t-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni ta' C2.I7 (Faċilità ta' Self tal-ICO għall-Promozzjoni tal-Akkomodazzjoni Soċjali), C12.I7 (Skema ta' appoġġ għal proġetti strateġiċi fil-katina tal-valur tal-karozzi elettriċi (self)), C13.I7 (Fond tat-Teknoloġija li Jmiss), C13.I12 (Fond għall-Intraprenditorija u l-SMEs tal-ENISA), C13.I13 (Fond Reġjonali għar-Reżiljenza (FRA)), C13.I15 (Injezzjoni ta' ekwità fl-ICO), C15.I9 (Faċilità ta' Finanzjament tas-CHIP), u C25.I3 (Fond taċ-Ċentru Awdjoviżiv) skont l-Artikolu 21 tar-Regolament 2021/241, Spanja ma talbitx li tuża r-riżorsi ta' self liberati biex tappoġġa miżuri ġodda jew biex iżżid il-livell ta' implimentazzjoni tal-miżuri eżistenti fi ħdan l-RRP. L-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP huwa inqas mill-kontribuzzjoni finanzjarja kkombinata disponibbli għal Spanja u l-appoġġ fil-forma ta'

¹¹ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1755/oj>).

self li kien sar disponibbli għal Spanja permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Ottubru 2023. Għalhekk, l-appoġġ totali fil-forma ta' self disponibbli għal Spanja jenħtieġ li jitnaqqas għal EUR 21 448 689 929.

- (25) L-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja għal Spanja jenħtieġ li jiġi ddeterminat f'din id-Deċiżjoni f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2021/241. Madankollu, skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Awwissu 2026 dwar it-tnaqqis tal-ammont tal-ħames pagament parzjali tal-appoġġ mhux ripagabbli għal Spanja, adottata f'konformità mal-Artikolu 24(8) tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kontribuzzjoni finanzjarja tnaqqset b'EUR 197 971 828 u Spanja ma tistax titlob l-iżborż tagħha mill-Kummissjoni.
- (26) Għalhekk id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq. Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li jiġi sostitwit kompletament.
- (27) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kull proċedura marbuta mal-ġhoti ta' fondi tal-Unjoni skont kull programm ieħor tal-Unjoni ħlief il-Faċilità jew għal proċeduri relatati ma' distorsjonijiet tal-operazzjoni tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Hija ma twarrabx il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajjuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP emendat għal Spanja abbażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata.

Artikolu 2

Emendi

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Spanja hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2a, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni ta' Spanja self li jammonta għal massimu ta' EUR 21 448 689 929.”;

(2) l-Anness huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju ta' Spanja.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President